

# ANKRATI FIT-TAMA

GĦAJNUNA
GĦAL MIXJA ŻAGĦŻUGĦA
FIL-ĠUBLEW TAT-TAMA

# RINGRAZZJAMENTI

Ringrazzjament speċjali jmur lil-leaders kollha li jaħdmu fis-skiet fil-gruppi differenti. Dan il-ktejjeb sar biex jakkumpanjakom matul din is-sena f'mixja mimlija tama li ssib għeruqha fi Kristu.

Nirringrazzjaw lill-membri tal-Kummissjoni Pastorali Adolexxenti u Żgħażagħ Mosta;
lil Dun Bastjan Caruana għar-riflessjonijiet tal-pellegrinaġġ;
lil Lycia Bezzina, Rachel Saydon u Elaine Vella mill-grupp Beyond, għall-pjan tal-lezzjoni;
lil Martina Filletti mill-grupp To Emmaus, għall-kitba tal-adorazzjoni;
lil Godfrey Agius u Marie Agius mill-grupp To Emmaus, għall-għażla tal-mużika tal-adorazzjoni;
lil Annabella Gauci mill-Oratorju Marija Immakulata u Dun Reuben Gauci responsabbli mit-taqsima tal-Iżvilupp Spiritwali fl-Iskejjel, għall-informazzjoni fuq l-ispazji tat-talb;
lil Rachel Deguara għad-disinn ta' dan il-ktejjeb;
lil Rachel Saydon għall-qari tal-provi;
u lil Coral Print, Mosta.

# F'DAN IL-KTEJJEB SER ISSIB:


Introduzzjoni 7

Pjan tal-Lezzjoni 9

Pellegrinaġġ lejn il-Kappella tal-Isperanza 17

Adorazzjoni 25

Spazji tat-Talb 33

Appendiċi 37

# INTRODUZZJONI

Il-Papa Franġisku qed jagħmlilna stedina biex niġġeddu, biex inħallu lill-Mulej jagħmel minna persuni ġodda, allura persuni differenti minn kif konna qabel. U d-differenza li l-Mulej qed isejħilna għaliha, hija biex inkunu nies ta' tama.

It-tama Nisranija mhijiex ottimiżmu, imma t-tama Nisranija hija mibnija fuq verità waħda: Alla kien jaħdem, Alla għadu jaħdem u Alla jibqa' jaħdem f'ħajjitna. Din hija l-pedament tat-tama Nisranija. Li Alla kien jaħdem, mhux għax il-bniedem kien dejjem f'sintonija miegħu, imma għax Alla ħabb dejjem, anke meta l-bniedem ried jimxi għal rasu. Li Alla għadu jaħdem, anke fi żmienna, meta faċli naraw ħafna dlam madwarna, meta naraw dinja li qed tagħżel il-qerda flok il-ħajja. Li Alla jrid jibqa' jaħdem, fil-ħajja tagħna, madwarna fis-soċjetà, fil-Knisja, illum imma wkoll fil-futur. U dan jimliena bit-tama li Alla diġà wriena mħabbtu fil-passat u ser jibqa' jagħmel dan sal-aħħar taż-żminijiet.

Dan il-ktejjeb sar b'xewqa waħda li din is-sena tal-Ġublew ngħixuha b'xewqa ta' bidla, ta' konverżjoni. Dan il-ktejjeb irid jgħin kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell ta' gruppi, biex bħala komunitajiet żgħar nirriflettu kif nistgħu nikbru fit-tama. Għalhekk f'dan il-ktejjeb ser issib laqgħa preparatorja biex nifhmu aħjar x'inhu ġublew, x'inhu pellegrinaġġ u anke t-tema tal-Ġublew tas-sena li ġejja. Ġie mħejji wkoll pellegrinaġġ lejn il-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza, fejn hemmhekk ser ikun hemm ħin ta' riflessjoni fuq il-leġġenda tal-Wied tal-Isperanza u kif din il-leġġenda tista' tgħinna fil-mixja tal-ħajja tagħna. Xtaqna wkoll noffru adorazzjoni, li tista' ssir jew fl-istess pellegrinaġġ jew inkella ssir f'mument ieħor li bħala grupp tarawh aħjar. Fl-aħħar ser ikun hemm ukoll referenza lejn spazji ta' talb fuq it-tama, li permezz ta' attivitajiet ċkejknin, jistgħu jwassluna biex nirriflettu u nitolbu.

Jalla din ir-riżorsa tkun t'għajnuna biex dan il-Ġublew ngħixuh tassew, bħala żmien ta' grazzja u żmien li jsejjaħ għall-konverżjoni biex inkunu tassew Knisja li niżirgħu t-Tama kull fejn inkunu.

*Dun Roderick Baldacchino*

# PJAN TAL-LEZZJONI

## 1. INTRODUZZJONI

Uża waħda jew iżjed minn dawn l-attivitajiet biex tgħin lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ jirriflettu dwar l-idea ta' vjaġġ.

**Attività #1: Introduzzjoni għall-idea ta' vjaġġ (għal adolexxenti ta' bejn it-12 u l-14-il sena)**

Fil-bidu ta' din l-attività, l-adolexxenti jingħataw din il-gwida għar-riflessjoni personali:

Ftakar fi vjaġġ li ġieli għamilt, jew li ġieli għamel ħaddieħor, u li baqa' f'moħħok. Jista' jkun bil-mixi jew bi kwalunkwe mezz ta' trasport. Xi eżempji huma: vjaġġ lejn pajjiż ieħor; vjaġġ li ħa ħafna iżjed ħin milli suppost minħabba t-traffiku jew raġunijiet oħra; vjaġġ lejn post li kont eċitat/a ħafna biex iżżuru; jew vjaġġ lejn post li kont qiegħed/ qiegħda tibża' tmur.

Aħseb f'dawn il-mistoqsijiet:

- Kemm ħa ħin dan il-vjaġġ?
- Min kien hemm miegħek waqt dan il-vjaġġ?
- Kif ħassejtukom xħin wasaltu?
- X'differenza ħalla dan il-vjaġġ fik?

Wara dan il-ħin ta' riflessjoni personali, l-adolexxenti jingħaqdu fi gruppi u bħala grupp isegwu dawn l-istruzzjonijiet:

1. Aqsmu r-riflessjonijiet ma' xulxin.
2. Qassmu l-vjaġġi kollha f'kategoriji/ tipi differenti skont ix-xebh u d-differenzi ta' bejniethom.
3. Iddeċiedu bejnietkom liema vjaġġi huma l-iżjed ta' ispirazzjoni u għaliex.

**Attività #2: Kemm-il pellegrinaġġ tista' ssemmi?**
**(għal adolexxenti ta' bejn l-14 u s-16-il sena)**

L-adolexxenti jinqasmu fi gruppi. F'minuta, kull grupp irid jikteb lista ta' pellegrinaġġi li ġieli sema' bihom. Kif tgħaddi l-minuta, il-gruppi kollha jaqsmu flimkien il-pellegrinaġġi li jkunu semmew fil-gruppi rispettivi. Il-grupp li jirnexxilu jsemmi l-ikbar ammont ta' pellegrinaġġi jkun il-grupp rebbieħ. Jistgħu jintwerew stampi ta' xi pellegrinaġġi li forsi xi żgħażagħ ma jkunux semgħu bihom.

**Attività #3: Pellegrinaġġ u vaganza l-istess?**
**(għal adolexxenti ta' bejn l-14 u s-16-il sena)**

F'din l-attività, l-adolexxenti jinqasmu fi gruppi u jiġu mistiedna jirriflettu fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Li tkun pellegrin u li tkun turist hija l-istess ħaġa?
- Il-pellegrin jonfoq inqas minn turist?
- It-turist iżur postijiet sagri?
- Vaganza tista' tbiddillek ħajtek?
- X'hemm differenti bejn pellegrinaġġ u vaganza?

**Attività #4: X'se tieħu miegħek?**
**(għal żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq)**

Għal din l-attività, iż-żgħażagħ jintalbu jimmaġinaw li sejrin għal pellegrinaġġ. Kull żagħżugħ b'mod individwali jirrifletti fuq dawn il-mistoqsijiet:

- Liema oġġetti minn dawn t'hawnhekk taħseb li huma l-iżjed bżonjużi?
- Li kieku minflok pellegrinaġġ tmur għal vaganza, tagħżel l-istess affarijiet jew affarijiet differenti?

| | | |
|---|---|---|
| ilma | imħabba għal Alla | ħwejjeġ addattati |
| talb | flus | attitudni xierqa |
| kumpanija | lukanda | ħin |
| fidi | ikel | qalb nadifa |

**Attività #5: Il-ħajja bħala pellegrinaġġ (għal żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq)**

Għal din l-attività, iż-żgħażagħ jintalbu jimmaġinaw li jinsabu fil-bidu tal-vjaġġ tal-ħajja tagħhom u se jippjanaw il-vjaġġ. Iż-żgħażagħ jingħataw dawn il-mistoqsijiet biex jirriflettu dwarhom:

1. Liema rotta se tagħżel? Ir-rotta ta' mingħajr tbatija jew ir-rotta tat-tbatija?
2. Li kieku kellek tipprepara ktieb ta' gwida għal dan il-vjaġġ, xi stampa tpoġġi fuq il-qoxra u x'pariri tikteb fih?
3. Agħżel ħaġa waħda li kieku tieħu miegħek minn kull wieħed minn dawn il-postijiet u aħseb fir-raġuni: għarix, post ta' qima, kappella u sptar.
4. Il-ħwienet jisimhom: it-Tama; il-Ħolm; il-Kuraġġ; Ħajja twila; l-Imħabba; il-Pjaċir; il-Ġid; u l-Ferħ. Li kieku kellek tagħżel ħaġa waħda minn erbgħa minn dawn il-ħwienet, x'tagħżel, u għaliex? Poġġi l-erba' oġġetti f'ordni ta' preferenza.
5. Kif taħseb li se tkompli l-ħajja wara l-ħajja fuq din l-art?

## 2. SPJEGAZZJONI

Il-pellegrinaġġi jgħinu lill-Insara jirriflettu fuq ħajjithom u jerġgħu jġeddu l-fidi tagħhom f'Alla. Fis-sena tal-ġublew, il-Knisja tfakkarna fil-bżonn li nibqgħu nagħmlu din ir-riflessjoni personali biex inkomplu nikbru u niġġeddu fil-fidi tagħna.

Ruma huwa post importanti għall-pellegrini għaliex hemm jgħix il-Papa; il-mexxej tal-Knisja Kattolika. F'Ruma wieħed jista' jżur postijiet marbutin ma' qaddisin kbar u importanti, u għalhekk dan jista' jgħin lilna l-Insara sabiex nifhmu aktar l-istorja tal-fidi tagħna, nirrelataw mal-ħajjiet tal-qaddisin u d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom kull Nisrani fil-ħajja personali tiegħu. Il-pellegrinaġġ għalhekk jgħinna nagħmlu anke din il-mixja interjuri f'esperjenza ta' komunità.

Il-leaders jistgħu juru wieħed minn dawn il-videos marbutin mat-tema tal-pellegrinaġġi:

https://www.youtube.com/watch?v=LehUNjBlOzQ
**(għal adolexxenti ta' bejn it-12 u l-14-il sena)**
https://www.youtube.com/watch?v=vLk5oN_mUzg
**(għal adolexxenti ta' bejn l-14 u s-16-il sena)**
https://www.youtube.com/watch?v=Re5qy9_lu5o
**(għal żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq)**

12-14-il sena

14-16-il sena

16-il sena 'l fuq

## 3. ATTIVITÀ

Aqsam lill-membri fi gruppi u agħti kopja tal-labirint u tal-cryptogram lil kull grupp, flimkien ma' biro (appendiċi 1.1 u 1.2). Din l-attività għandha tintroduċi lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ għall-Ġublew 2025. Agħti lill-membri dawn l-istruzzjonijiet:

- Immarka t-triq li se jieħu l-pellegrin biex jasal għand Ġesù.
- Wara, solvi l-cryptogram u ikteb il-kliem fl-ispazji.

Għal kull wieħed mill-ħames punti, iggwida lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ permezz ta' dawn ir-riflessjonijiet:

1. Fejn ninsab?
Għinhom jirriflettu u jaħsbu fejn jinsabu bħalissa. Il-vjaġġ jibda billi tagħraf il-punt tat-tluq.

2. Il-Maħfra
Fi vjaġġ kemm-il darba jkun hemm punti meta taqa' u terġa' tqum; l-istess fil-ħajja tagħna. Il-maħfra hija l-esperjenza li terġa' tqum.

3. It-Talb
Il-vjaġġ jiġi eħfef meta ma tkunx waħdek u Alla jixtieq li aħna naqsmu dan il-vjaġġ miegħu permezz tal-komunikazzjoni miegħu.

4. Il-Karità
Fil-vjaġġ se tiltaqa' ma' kull xorta ta' nies, inkluż nies li għandhom bżonn id-daqqa t'id tiegħek.

5. It-Tiġdid
Ġesù jsejħilna għal ħajja ġdida, frott relazzjoni ħajja miegħu.

Iddiskutu kif iż-żgħażagħ jistgħu jgħixu dawn l-erba' waqfiet fil-vjaġġ tal-ħajja.

## 4. SPJEGAZZJONI

Il-ġublew huwa ċelebrazzjoni ta' sena speċjali li tiġi ċċelebrata f'Ruma u l-Vatikan. Il-Ġublew tal-2025 jibda fil-Milied tal-2024 u jtul sal-Epifanija tal-2026. Is-sena tal-ġublew hija żmien ta' ċelebrazzjoni u tul din is-sena miljuni ta' pellegrini jżuru Ruma sabiex ikomplu jikbru fil-fidi tagħhom.

Din is-sena, il-Papa qed jistedinna nħarsu lejn il-futur b'fiduċja u tama. Il-Papa Franġisku jgħid li l-pandemija biddlet il-mod ta' kif ngħixu, illimitat il-libertajiet tagħna, qanqlet dubji u biża' u ħolqot konfużjoni.

It-tema tal-Ġublew tal-2025 hija **Pellegrini tat-Tama**. Id-dinja hija marida u jeħtieġ naraw kif se nfejquha.

Il-logo tal-Ġublew 2025:

Jien kif nista' nkun raġġ ta' tama? Jeħtieġ li nibda minni nnifsi.

- Il-kuluri tal-logo jirrappreżentaw l-umanità mifruxa mad-dinja.
- Kull waħda hija magħquda mal-oħra; il-vjaġġ tal-pellegrin huwa wieħed universali, mhux biss personali.
- L-ankra hija s-simbolu ta' tama.
- Il-mixja fuq il-mewġ imħarrek, kif spiss hu l-vjaġġ tal-ħajja.
- Iżda s-salib inklinat lejn l-umanità jindika li Kristu nnifsu joħroġ jiltaqa' magħna tul dan il-vjaġġ u jmil lejna. Ġesù huwa qrib tagħna aktar milli naħsbu u l-preżenza tiegħu ttina tama tul il-vjaġġ.

## 5. KWIŻŻ

Ara l-adolexxenti u ż-żgħażagħ x'tgħallmu minn din il-laqgħa permezz ta' kwiżż. F'Appendiċi 2 u 3 tista' ssib żewġ kwiżis differenti marbutin mat-tema tal-Ġublew 2025. Tista' taddattahom skont il-preferenzi tiegħek.

## 6. GĦELUQ

Ikkonkludi l-laqgħa billi tinkoraġixxi spirtu ta' ġabra u talb fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. F'Appendiċi 4, 5, 6 u 7 ssib tliet forom ta' talb addattati għal dan il-mument tal-laqgħa: it-talba tal-Ġublew mill-Papa Franġisku; Salm 25 mill-Bibbja; u żewġ kanzunetti bit-tema tat-tama.

Għall-video tal-kanzunetti żur is-siti:
https://www.youtube.com/watch?v=u_JUlnIlLts

https://www.youtube.com/watch?v=nOXa4-yBBXw

# PELLEGRINAĠĠ FIS-SENA TAL-ĠUBLEW TAT-TAMA

## 1. Introduzzjoni

Tkun ħaġa tajba jekk nibdew billi nagħrfu li pellegrinaġġ mhux hike, imma huwa ċans biex nieqfu u nirriflettu flimkien.

Il-pellegrinaġġ għandu skop, li jgħinna nikbru bħala persuni; għandu destinazzjoni, kif wara kollox għandha ħajjitna, lejn l-għaqda sħiħa tagħna ma' Ġesù. Fil-pellegrinaġġ jista' jkollna mumenti fejn negħjew, kif wara kollox ikollna f'ħajjitna. Il-pellegrinaġġ m'aħniex nagħmluh weħidna imma m'oħrajn, bħalma anke l-mixja Nisranija qed nagħmluha ma' oħrajn.

Sabiex ngħinu qed nipproponu dawn is-sett ta' domandi li tista' tistieden lill-parteċipanti biex jirriflettu fuqhom fil-mixja:

1.1 Fiex inħoss li għandi bżonn nikber f'dan il-mument? Fejn qed inħossni li weħilt?

1.2 X'inhi d-destinazzjoni li bħalissa qed naħdem għaliha? Il-ħajja ta' dejjem tidħol xi mkien?

1.3 Meta negħja min huma n-nies li fuqhom indur? Inħossni parti minn komunità Nisranija?

Ikun tajjeb li kif naslu fil-Kappella tal-Isperanza, lill-parteċipanti noffrulhom ċans ta' *sharing* ta' xi jkun laqathom u baqa' magħhom.

## 2. Talba tal-Pellegrin

Mulej, agħmel li din il-mixja tkun mixja fil-grazzja tiegħek. Agħmel li nimxi miegħek, fejn qalbi tħobb dak kollu li tajtni int, fejn kliemi u għemili jkunu xhieda tal-ġustizzja tiegħek. Agħtini qalb attenta għall-barkiet li ser tagħtini, barkiet li jiġu frott din il-mixja, frott l-isfidi differenti. Fuq kollox agħmel li qalbi tkun lesta biex tisimgħek imma fuq kollox agħtini l-grazzja li dejjem inwieġeb iva għall-Kelma ħajja tiegħek Mulej.

O Alla, inti li turi t-triq permezz tal-kolonna tan-nar u s-sħaba lill-poplu Lhudi
**R./ Urina t-triq tagħna.**

O Alla, inti li twassal it-tagħlim tiegħek permezz tal-profeta u ta' Ibnek il-waħdieni
**R./ Għallimna l-verità tiegħek.**

O Alla, inti li timla lill-Appostli beżgħana u magħluqa fiċ-ċenaklu, bl-ispirtu tiegħek.
**R./ Imliena bil-ħajja.**

O Alla, int li ħlaqt id-dinja b'kulma fiha, inti li inti s-sid tal-elementi.
**R./ Mexxi 'l riġlejna fi triqtek illum.**

**R./ Il-Mulej iħarisna u jberikna biex dan il-pellegrinaġġ ikun xhieda tal-mixja tagħna lejh f'ħajjitna. Ammen.**

Ejjew ningħaqdu flimkien, f'vuċi waħda lejn dak li jgħaqqadna lkoll minkejja t-toroq differenti li nieħdu f'ħajjitna meta għamilna lkoll uliedu:

**Missierna li inti fis-Smewwiet...**

F'Appendiċi 8 tista' ssib żewġ rotot differenti li lkoll ser jeħduk lejn il-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza. L-ewwel rotta hija dik diretta, filwaqt li t-tieni waħda hija mixja aktar fin-natura imma ftit iktar twila. Araw liema tkun l-aħjar skont il-grupp li jkollkom magħkom.

**3. Wasla fil-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza**

Tkun ħaġa tajba li fil-qosor tingħad l-istorja ta' din il-kappella:

Il-kappella ċkejkna ddedikata lill-Madonna tal-Isperanza (il-Madonna tat-Tama) hi mibnija fuq għar li jinsab mal-ġenb tal-wied, fit-tarf tal-Punent tal-Mosta, sewwasew fil-parti magħrufa bħala 'l-Wied tal-Isperanza'. Il-Kappella tal-Isperanza bdiet tinbena għall-ħabta tal-1757. Tant hu hekk li fil-prospettiva ta' fuq il-kwadru naraw impittra s-sena 1760. Fuq il-faċċata, fuq in-naħa tal-lemin tal-kappella, hemm l-arma tal-Isqof Fra Bartolomeo Rull li dak iż-żmien kien l-Isqof tal-gżejjer.

Din il-kappella ġġorr magħha leġġenda antika li għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra għal bosta snin.

*Hawnhekk il-leġġenda tista' tiġi rrakkontata billi xi ħadd mil-leaders jagħmel dan il-monologu:*

"Jiena din it-tfajla li ħdimt u stinkajt biex setgħet tinbena din il-kappella li hawn quddiemna.

L-istorja tiegħi tibda eżatt minn dawn l-inħawi. Jiena u l-familja tiegħi ta' kuljum konna nerħulha lejn dan il-wied bin-nagħaġ u l-mogħoż tagħna, biex isibu fejn jirgħaw. Darba minnhom, ftit wara li ħriġna, nisimgħu ħafna għajjat u mill-ewwel indunajna li kien hawn xi ħbit mill-furbani. Kienet saret xi ħaġa ta' kuljum kważi; jiġu, iħarbtu, joqtlu l-bhejjem tagħna, u saħansitra ġieli jkaxkru lil xi wħud bħala skjavi, u qatt ma nerġgħu narawhom aktar.

Kif smajna dak l-istorbju qalbi għamlet tikk, missieri qabad jgħajjat biex niġru b'kemm kellna saħħa u f'daqqa waħda ndur u ma nsib lil ħadd; sibt ruħi waħdi. Biex tgħaxxaqha jiena kelli diffikultà biex niġri għaliex saqajja ma kinux jagħtuni, mindu kont tifla kont inbati biex niġri. Imma dak il-ħin għamilt li stajt u b'ħafna tbatija ġrejt! U ġrejt!

Imma bdejt ninduna li l-ilħna tal-furbani kienu dejjem eqreb, u bdejt ninduna li issa kienu indunaw bija u kienu ġejjin jiġru d-direzzjoni tiegħi. Dak il-ħin ma kien għad fadalli xejn x'nagħmel ħlief niġri u nitlob. Ma ridtx naħseb x'kien ser jiġri kieku jaqbduni … povra jien … daqshekk rajt lil ommi, lil missieri u 'l ħuti.

Dak il-ħin dort lejn Alla u bdejt nitlob: 'Mulej ħajti hi f'idejk!' U kif bqajt niġri rajt għar quddiemi, li dak il-ħin moħħi qalli biex immur nistkenn fih. B'nifsi maqtugħ ersaqt lejh, dħalt u bdejt nikseb in-nifs bil-mod. Sadanittant bdejt nisma' l-ilħna dejjem ġejjin eqreb lejn l-għar u bdejt nismagħhom jgħajtu lil xulxin. Dak il-ħin dort lejn Marija u bdejt nitlob: 'Marija, eħlisni minn dan l-inkwiet, ipproteġini kif għamilt ma' ibnek Ġesù; fik Marija npoġġi t-tama tiegħi. Ħarisni Marija u f'dan il-post nibni post b'qima lejk.'

U dak il-ħin, quddiem għajnejja rajt din il-brimba, mhux żgħira, tinseġ biċċa biċċa l-għanqbuta mad-daħla tal-għar. Jiena dħalt 'il ġewwa kemm flaħt fil-għar. Kif niżlu l-furbani u bdew ifittxu madwar l-għar raw din l-għanqbuta mad-daħla tal-għar u smajthom ikellmu lil xulxin. Kulma fhimt li ma stajtx dħalt hemm. U għalhekk marru jkomplu jfittxu aktar 'l isfel fil-wied.

M'għaddiex wisq ħin meta smajthom jgħajtu lil xulxin għax bdew jibżgħu li jiġu għalihom il-Maltin u jaqbduhom. Ħallejt ftit ħin jgħaddi u ħriġt bil-mod mill-għar. Kont imriegħda bil-biża' imma qalbi mimlija ferħ, mimlija fidi li kienet il-Madonna li ħelsitni.



Dak il-ħin imxejt lejn id-dar u kif wasalt kulħadd baqa' mistagħġeb kif irnexxieli niskappalhom. Kif irrakkontajt din l-istorja mill-ewwel bdejt naħdem biex inżomm il-wegħda li kont għamilt mal-Madonna, allura kellimt lill-kappillan u bil-għajnuna ta' kulħadd inbniet din il-kappella ċkejkna. Meta ġejna għall-isem mill-ewwel ridna nsemmuha għall-Madonna tal-Isperanza, Marija Omm it-Tama, għaliex fiha ttamajt u hi salvatni!"

Riflessjonijiet:

1. Din it-tfajla kellha żvantaġġ mhux żgħir ħdejn ħaddieħor, imma kellha għażla: jew tintelaq u ċċedi jew inkella tiġri għal ħajjitha. Quddiem dan l-iżvantaġġ poġġiet it-tama tagħha, poġġiet ħajjitha f'idejn Dak li jista' kollox. Il-fraġiltà fil-ħajja ta' din it-tfajla ma tbeżżagħhiex, ma twaħħilhiex fejn hi.

Stikka 1 – Ikteb x'inhi l-fraġiltà li tħoss li żżommok lura. Waħħal l-istikka fuq idek.

Stikka 2 – Aħseb x'inhu l-mod li bih Alla jrid isaħħek. Waħħal l-istikka fuq idek f'forma ta' salib fuq l-istikka li fuqha ktibt il-fraġiltà f'ħajtek.

2. Din it-tfajla tagħmel għażla ċara, li tpoġġi t-tama tagħha f'Alla. Imma din it-tama kienet ġejja mill-fatt li kienet konxja kemm drabi Alla kien diġà pproteġieha fil-passat, kemm lilha u kemm lil familtha. Ħares ftit lejn il-passat tiegħek u identifika mumenti meta Alla pproteġiek u ħarsek, meta kien preżenti f'ħajtek u mexxiek minn idejk pass pass.



3. Il-Wied:

Qari mill-Ewwel Ktieb tas-Slaten (17: 2-6)

Il-Mulej kellem lil Elija u qallu: "Itlaq minn hawn, iġbed lejn il-Lvant, u mur inħeba fil-wied ta' Kerit, biswit il-Ġordan. Inti tixrob mill-wied, u jien ikkmandajt liċ-ċawl jitimgħek hemmhekk". Elija telaq u għamel kif qallu l-Mulej, u qagħad ħdejn il-wied ta' Kerit biswit il-Ġordan. U ċ-ċawl kienu jġibulu ħobż u laħam mas-sebħ u ħobż u laħam filgħaxija. U kien jixrob mill-wied.

Il-Kelma tal-Mulej

R/. Irroddu ħajr lil Alla

Elija sab postu fil-wied tul iż-żmien kollu tan-nixfa. Hemm Alla pprovdielu l-ikel u x-xorb. Fl-Iskrittura l-wied għandu post sinifikanti ħafna: jirrappreżenta l-isfidi tal-ħajja spiritwali, il-provi li jgħaddu minnhom il-qaddejja ta' Alla. Imma l-wied iservi wkoll bħala post partikulari fejn il-bniedem jiltaqa' ma' Alla u jiġi sostnut u msaħħaħ bil-qawwa ta' Alla. Għalhekk isir il-post ta' trasformazzjoni u maturità spiritwali.

Il-wied għat-tfajla u l-bdiewa Mostin kien il-post li għaddiehom minn provi kbar. Kellhom ħafna sfidi ma' xiex iħabbtu wiċċhom: il-maltemp, is-sħana, il-kesħa u l-għedewwa kienu jikkawżawlhom ħafna perikli wkoll. Imma l-wied kien jipprovdilhom l-għajxien tagħhom, peress li hemm kellhom l-għelieqi tagħhom. Hemm kienet ħajjithom; hemm kibru; hemm ukoll kienu jsibu s-serħan tagħhom.

F'dan il-ħin ieqaf u staqsi lilek innifsek:
Fejn insib is-serħan tal-qalb tiegħi? X'forma jieħu l-wied f'ħajti, x'inhuma l-isfidi imma wkoll l-opportunitajiet li għandi f'ħajti bħalissa?

4. L-għanqbuta ssir il-mezz kif din it-tfajla tiġi salvata mill-għadu. Dak li jidher ħmieġ, isir il-mezz ta' kif Alla jipproteġi lil din it-tfajla mill-iskjavitù. Alla jinqeda b'kollox, anke dak li jista' jidher mhux importanti; Alla jirnexxilu jagħmel minn kollox mezz ta' kif jasal eqreb tagħna.

Mal-għanqbuta ser inwaħħlu karta li fuqha ser niktbu x'inhuma l-kwalitajiet sbieħ tagħna li Alla jixtieq jinqeda bihom biex jasal għand l-oħrajn.

Forsi dawn il-kwalitajiet mhux ser iwassluna biex insolvu l-problemi kollha tad-dinja, imma Alla jixtieq jinqeda bihom biex jasal għand l-oħrajn. Alla ma jagħżilniex għax perfetti imma għax Hu jista' jinqeda anke bil-fraġiltajiet tagħna biex jagħmel ħafna ġid.

5. It-talb:
Din it-tfajla, quddiem dik il-qilla tal-għadu, dik il-ħeffa biex jagħmel ħerba, iddur lejn Alla bit-talba sempliċi tagħha.

It-talb għandu spazju f'ħajti? Nifhem li t-talb ma hemmx għalfejn ikun ikkumplikat imma anke dak sempliċi huwa tajjeb? Nifhem li t-talb ifisser li nħalli qalbi titkellem mal-qalb t'Alla u allura jitlob minni s-skiet tal-qalb? Qalbna u moħħna jiġru ħafna bina; it-talb huwa l-eżerċizzju li fih nikkalmaw 'l moħħna u 'l qalbna biex nagħtu spazju lil Alla biex jaħdem Hu.

Jingħata spazju ta' talb liberu.

Niġbru t-talb tagħna bit-talba sabiħa lil Marija u nitolbuha biex ix-xewqat u t-talb kollu tagħna tressaqhom fi ħdan binha Ġesù:

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla: la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka.

# ADORAZZJONI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ: PELLEGRINI TAT-TAMA

Innu tal-bidu wara li Ġesù Ewkaristija jiġi espost



Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
Inti l-hena tal-bnedmin.
Nadurawk ja Ħobż tas-Sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Introduzzjoni: ħsieb tad-dħul għall-adorazzjoni

Mulej, aħna ġejna hawn quddiemek biex nadurawk. Inti li ħlaqt il-baħar, is-sema u l-art; id-dinja u kulma hemm ġo fiha; l-ispazju, il-pjaneti u l-univers. Alla tagħna, ħallieq ta' kollox, permezz tal-inkarnazzjoni, inti ħadt is-sura ta' bniedem. Dħaqt bħalna, bkejt bħalna, irrabjajt bħalna, u ħassejt uġigħ bħalna. Ġejt tixbah lilna f'kollox minbarra d-dnub. U issa, għandna l-grazzja li nkunu fil-preżenza tiegħek, permezz tal-Ewkaristija.

Kemm nixtieq Mulej li nkun nixbhek. Iżda mhux dejjem insibha faċli li ngħid kliem sbieħ fuq dawk ta' madwari; li ngħin lil dawk li lili jfixkluni. Ikun hemm drabi meta jien ma naqdix id-dmirijiet tiegħi, speċjalment meta nħossni għajjien. Ġieli ma nkunx moħħni hemm waqt it-talb jew il-Quddiesa, għax inkun iktar ħsiebi fuq dak li qed jiġri madwari.

Minkejja dan kollu, jiena naf li meta nitlob, nirrispetta, inħobb lil ta' madwari u nagħmel ix-xogħol li hu mitlub minni, jien inħossni iktar fil-paċi u r-relazzjoni tiegħi miegħek tkun iktar b'saħħitha.

Aħfirli tan-nuqqasijiet tiegħi, għad-drabi kollha li jien inkun dgħajjef, u għinni nagħraf dejjem nimxi wara t-tagħlim tiegħek.

Grazzi tal-ħniena infinita tiegħek, tal-imħabba tiegħek mingħajr kundizzjoni. Għinni sabiex b'dik l-istess imħabba li nirċievi mingħandek, inkun nista' nħobb lilek, lili nnifsi u lill-oħrajn, bħalma għallimtna int.

Innu: Anchor (Hillsong)
https://www.youtube.com/watch?v=87GYkLfQQ-8

Mill-Evanġelju skont San Luqa (Lq 5, 1-11)

Darba l-kotra bdiet tross fuqu biex tisma' l-kelma ta' Alla. Hu kien qiegħed f'xatt l-għadira ta' Ġennesaret. U ra żewġ dgħajjes qegħdin max-xatt; is-sajjieda kienu niżlu minn fuqhom u kienu qegħdin jaħslu x-xbiek. Tela' fuq waħda minnhom, li kienet ta' Xmun, u talbu jaqla' kemxejn 'il barra mill-art; imbagħad qagħad bilqiegħda u beda jgħallem lin-nies mid-dgħajsa. Meta temm li kellu jgħid, qal lil Xmun: "Aqdef 'il barra fil-fond, u kalaw ix-xbiek tagħkom għas-sajd." Wieġbu Xmun u qallu: "Mgħallem, għamilna lejl sħiħ nitħabtu u ma qbadna xejn. Imma, la qiegħed tgħid int, ħa nkala x-xbiek." Hekk għamlu, u qabdu kotra hekk kbira ta' ħut li x-xbiek tagħhom kien għoddu nqasam. Għalhekk għamlu sinjal lil sħabhom li kienu fid-dgħajsa l-oħra biex jiġu jgħinuhom. Dawk ġew, u mlew iż-żewġ dgħajjes hekk li għal ftit ma għerqux.



Xmun Pietru, kif ra dan, inxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb!" Għax baqgħu tassew mistagħġba, kemm hu u kemm dawk kollha li kienu miegħu, għal dik il-qabda ħut li qabdu. U hekk ukoll ġralhom Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, li kienu sħab Xmun. Imbagħad Ġesù qal lil Xmun: "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies." Meta mbagħad ressqu d-dgħajjes mal-art, telqu kollox u marru warajh.

Il-Kelma tal-Mulej
*Tifħir lilek Kristu*

*Silenzju (madwar minuta)*

F'din is-silta niltaqgħu ma' Xmun, Ġakbu u Ġwanni, tliet sajjieda tas-sengħa. Ġesù, bin il-mastrudaxxa, hawnhekk qiegħed jordna lil dawn l-esperti tas-sajd biex jitfgħu x-xbiek tagħhom għas-sajd, wara li dawn għamlu lejl jippruvaw jaqbdu l-ħut u ma qabdu xejn.

Aħseb f'xi ħaġa li inti tajjeb jew tajba ħafna fiha, u immaġina persuna li ma għandha l-ebda esperjenza f'din il-ħaġa tiġi tgħid lilek x'għandek tagħmel. Aħseb ftit kif tħossok.

*Pawża qasira*

Innu: Ejja u Imxi warajja!
https://www.youtube.com/watch?v=zM0A7fCqoWc

Hawnhekk il-Mulej qiegħed jagħmlilna stedina biex nimxu warajh. Anki jekk qegħdin nibżgħu. Anki jekk ma nistgħux nifhmu għala għandna nimxu warajh. Forsi għadna ma għamilniex esperjenza tiegħu. Forsi għax dak li toffri d-dinja jinstama' isbaħ. Hi x'inhi r-raġuni, Ġesù hawnhekk qiegħed jistedinna biex nieħdu dak li bl-Ingliż ngħidulu "a leap of faith".

Dan ma jfissirx li għandna nieħdu pass fid-dlam, imma li anki jekk għandna d-dubju, jekk għadna m'aħniex ċerti minn dak li toffrilna t-triq li twassalna għand il-Missier, għandna nafdaw biżżejjed li l-Mulej ħalaqna bi skop, u jixtieq jgħinna nilħqu l-milja ta' dak li aħna ġejna maħluqin għalih – rwol li hu uniku għalina biss u li ħadd iktar mhu inkarigat li jagħmlu!

F'din is-silta, għalkemm naqraw li d-dixxipli kienu ilhom lejl sħiħ jistadu mingħajr ma qabdu l-ebda ħut, għat-talba ta' Ġesù, Xmun Pietru wieġeb: "la qiegħed tgħid int, ħa nkala x-xbiek." Hawnhekk naraw li l-kliem ta' Ġesù laqtu lil Xmun Pietru. Tant, li għalkemm hu konvint li mhux se jaqbad ħut, xorta jitfa' x-xbiek. Jieħu ċans!

Kemm-il darba nħossu li l-Mulej irid jgħidilna xi ħaġa, iżda ma nagħtux kas? Xi drabi naħsbu li nafu iktar minnu dwar x'inhu u x'mhux tajjeb għalina u xi kultant forsi nibżgħu nieħdu pass li jaf iġib ċertu bidliet fil-ħajja tagħna. Aħna ma nistgħux inkunu nafu l-futur, u lanqas m'aħna mistednin inkunu nafuh. Għalhekk, nistgħu ngħidu li l-bniedem għandu limitu sa fejn jista' jipprepara għal ċerti eventwalitajiet, waqt li Alla kapaċi jara 'l bogħod. Kemm-il darba ġraw affarijiet f'ħajjitna li ma konniex qed nistennew, saħansitra sfidi jew esperjenzi diffiċli, li wara nosservaw li ħareġ il-pożittiv minnhom? Dawn huma sempliċiment kumbinazzjonijiet? Jew ir-rieda t'Alla taħdem f'ħajjitna?

*Pawża qasira*

Wara li Xmun sema' t-talba ta' Ġesù, hu flimkien mad-dixxipli mhux talli qabdu kotra kbira ta' ħut, talli x-xbiek tagħhom bilkemm felaħ għal dak il-piż kollu. Dan għaliex meta nimxu wara Ġesù, Hu jkattrilna bl-abbundanza.

*Silenzju (madwar minuta)*

Mulej, waqt li qegħdin hawn quddiemek, nixtiequ nifhmu dak li inti qed tgħidilna. Għinna sabiex nosservaw is-sinjali li tibagħtilna, u ma nibżgħux nieħdu pass fuq il-Kelma tiegħek. Agħtina l-kuraġġ li kellu Xmun Pietru, biex nilqgħu l-istedina li qiegħed tagħmel lil kull wieħed u waħda minna.

Innu: In Christ Alone
https://www.youtube.com/watch?v=16KYvfIc2bE

Talbiet:

1. Nitolbuk għall-Knisja kollha hija u tgħix din is-sena tal-Ġublew. Agħmel Mulej li dan il-Ġublew ikun żmien ta' tiġdid u bidu ġdid għalina lkoll bħala Knisja waħda. Nitolbu.
2. Nitolbu għal ħutna li tilfu t-tama minħabba s-sitwazzjonijiet diffiċli li qed jgħixu fihom. Agħmel Mulej li jsibu persuni li jressquhom lejk biex fik biss ipoġġu t-tama tagħhom. Nitolbu.
3. Nitolbuk għal sħabna u żgħażagħ oħra li poġġew it-tama tagħhom fis-suċċessi finanzjarji, soċjali, vizzji, pjaċiri tal-mument u mal-ewwel fallimenti jispiċċaw jitkissru. Agħtihom qalb lesta li tibni fuq is-sod, fuqek, it-tama li ma tfalli qatt. Nitolbu.
4. Nitolbu għad-dinja tagħna biex quddiem sitwazzjonijiet ta' kunflitti tfittex id-djalogu u l-paċi għaliex huma biss jistgħu jgħinuna nħarsu lejn il-futur b'tama. Nitolbu.
5. Nitolbuk għalina lkoll. Agħmel Mulej li ħajjitna tkun pellegrinaġġ wieħed lejn is-sema pajjiżna, fejn inti tixtieq isserraħ lill-qalb tagħna għal dejjem miegħek. Nitolbu.

# *Barka Sagramentali*

Dal-misteru, għarkopptejna,
ejjew mela naduraw
u quddiem ir-riti ġodda
suriet qodma jispiċċaw;
bit-twemmin ġo qalbna nħossu
dak li s-sensi le jaraw.
Lill-Missier inroddu, u 'l Iben
b'qalbna kollha kull tifħir,
lejhom mat-tberik ta' qalbna,
imħabbitna 'l fuq ittir;
lill-Ispirtu li ġej minnhom
ħajr ukoll, xejn inqas kbir. Ammen.

O Alla,
inti f'dan is-sagrament tal-għaġeb
ħallejtilna t-tifkira tal-passjoni tiegħek;
agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru
tal-Ġisem u d-Demm tiegħek
hekk li nħossu fina bla heda

dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek.

Inti, li tgħix u ssaltan

għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Tingħata l-Barka bis-Santissmu Sagrament.*

Ikun imbierek Alla.

Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.

Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.

Imbierek l-isem ta' Ġesù.

Imbierka l-Qalb imqaddsa tiegħu.

Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.

Imbierek Ġesù fis-Santissmu Sagrament tal-artal.

Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.

Imbierka l-kbira Omm Alla, Marija Santissma.

Imbierka l-Imqaddsa u Immakulata Kunċizzjoni tagħha.

Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.

Imbierek l-Isem ta' Marija, Verġni u Omm.

Imbierek San Ġużepp, għarus kastissmu tagħha.

Imbierek Alla, fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

Faħħru 'l-Mulej, intom ġnus kollha;

sebbħuh, o popli kollha.

Għax kbira hi tjubitu magħna

u kelmet il-Mulej tibqa' għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben,

u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,

u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Sliem għalik Marija,

bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek,

imbierka inti fost in-nisa,

u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Qaddisa, Marija, Omm Alla,

itlob għalina midinbin,

issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

# GĦALIEX L-ISPAZJI TAT-TALB? X'INHUMA DAWN?

L-Ispazji tat-Talb jipprovdu ambjent inklussiv fejn it-tfal u ż-żgħażagħ, irrispettivament mill-isfond tal-fidi tagħhom, jistgħu jesploraw mistoqsijiet tal-ħajja, l-ispiritwalità u t-twemmin. Dawn l-ispazji, ispirati mit-tradizzjonijiet Insara, joħolqu opportunitajiet għar-riflessjoni personali u spazju sikur u kreattiv biex jimpenjaw ruħhom ma' temi bħall-maħfra, il-gratitudni, il-ġustizzja, l-identità u l-paċi interna. L-ispazji tat-talb jużaw attivitajiet prattiċi li jrawmu l-kontemplazzjoni.

Fl-2013, Dun Paul Chetcuti SJ u Dun Reuben Gauci, figuri ewlenin fil-promozzjoni tat-tkabbir spiritwali kemm fl-iskejjel tal-Knisja kif ukoll tal-Istat f'Malta, għarfu l-valur tal-ispazji tat-talb. Huma attendew avveniment ta' taħriġ f'Londra mmexxi minn Prayer Spaces in Schools UK, u stiednu lil Phil Togwell u lit-tim tiegħu biex jipprovdu taħriġ għall-kappillani, edukaturi u mexxejja taż-żgħażagħ Maltin. Sa mill-bidu tal-2014, bl-għajnuna ta' edukaturi voluntiera, l-ispazji tat-talb kienu kisbu popolarità sinifikanti fl-iskejjel Maltin, b'aktar minn 200 avveniment li saru f'diversi organizzazzjonijiet edukattivi u taż-żgħażagħ.

It-taqsima tal-Iżvilupp Spiritwali fl-Iskejjel, immexxija minn Dun Reuben Gauci, tkompli tappoġġja l-edukazzjoni spiritwali permezz ta' spazji tat-talb billi torganizza taħriġ, workshops, u sforzi kollaborattivi ma' skejjel u korpi edukattivi matul is-sena. Il-kollaborazzjoni regolari ma' *Prayer Spaces* fl-Iskejjel tar-Renju Unit u sħab internazzjonali oħra tippermetti l-qsim ta' stejjer, ideat u inkoraġġiment, u għaldaqstant din l-esperjenza titwassal għand aktar studenti, edukaturi u familji madwar id-dinja.

Sa mill-bidu tagħha bħala parti mill-inizjattiva 24-7 Prayer fl-2010, *Prayer Spaces* fl-iskejjel kiber globalment, u pprovda pjattaforma għall-prattikanti biex joħolqu spazji sinifikanti f'ambjenti edukattivi. Dawn l-ispazji huma bbażati fuq tradizzjonijiet ta' talb Nisrani filwaqt li jippermettu liż- żgħażagħ jirriflettu u jirrispondu skont il-perspettivi tagħhom.

L-ispazji tat-talb għandhom l-għan li jispiraw għaġeb u sbuħija fiż-żgħażagħ, fl-identitajiet, ir-relazzjonijiet, u d-dinja ta' madwarhom. Huma jħeġġu l-esplorazzjoni tal-aspetti mhux materjali tal-ħajja, spiss deskritti bħala spirtu jew ruħ, billi jimpenjaw ruħhom mal-mistoqsijiet aktar profondi tal-ħajja, irawmu l-għarfien personali, u jrawmu sens ta' valur personali.

Permezz ta' attivitajiet innovattivi u akkoljenti, l-ispazji tat-talb joffru lit-tfal u ż-żgħażagħ kollha opportunità biex jimpenjaw ruħhom bil-kwiet, jesprimu gratitudni, jesprimu t-tamiet u t-tħassib tagħhom, u jesploraw metodi tradizzjonali u kontemporanji ta' talb. Dawn l-ispazji jilqgħu twemmin u sfondi diversi, jakkomodaw diversi stili ta' tagħlim, u jiżguraw aċċessibbiltà għal dawk bi bżonnijiet differenti ta' tagħlim.

Fl-aħħar nett, nistgħu ngħidu li l-ispazji tat-talb jaqblu mal-istandards edukattivi nazzjonali u jipprijoritizzaw is-sigurtà u l-benessri tal-parteċipanti kollha. Ħafna drabi huma stabbiliti fi sħubija bejn l-iskejjel u l-knejjes lokali, bil-għan li jipprovdu esperjenzi ta' sapport u appoġġ għat-tfal u ż-żgħażagħ.



Għal Spazji tat-Talb b'rabta mas-Sena tal-Ġublew tat-Tama 2025, skennja dan il-kodiċi QR: https://sds.mt/year-theme/sowing-hope-2024-25/

Nhar il-Ħadd 23 ta' Marzu 2025 intom ġentilment mistiedna taslu wasla sal-Oratorju Marija Immakulata, fi Triq it-Torri, il-Mosta, fejn se tkunu tistgħu tesperjenzaw dawn l-ispazji tat-talb fil-kwiet u l-ġabra. L-Oratorju se jkun miftuħ il-ġurnata kollha mid-9 ta' filgħodu sal-5 ta' filgħaxija.

Annabella Gauci











# APPENDIĊI I.I




2 ______________________

3 ______________________

4 ______________________

5 ______________________

# APPENDIĊI 1.2

Solvi din il-cryptogram biex tiżvela l-kelmiet ta' taħt.

| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | GĦ | H | Ħ | I | IE | J | K |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | 5 | 22 | 18 | 11 | 24 | 1 | 28 | 12 | 25 | 14 | 3 | 30 | 15 | 29 |

| L | M | N | O | P | Q | R | S | T | U | V | W | X | Ż | Z |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | 17 | 4 | 10 | 23 | 2 | 19 | 13 | 27 | 6 | 20 | 16 | 26 | 7 | 21 |

1. ___ ___ ___ ___   ___ ___ ___ ___ ___ ___ ?
   24 11 15 4   4 3 4 13 9 5

2. ___ ___ - ___ ___ ___ ___ ___ ___
   3 8 - 17 9 14 24 19 9

3. ___ ___ - ___ ___ ___ ___
   3 27 - 27 9 8 5

4. ___ ___ - ___ ___ ___ ___ ___ ___
   3 8 - 29 9 19 3 27 9

5. ___ ___ - ___ ___ ___ ___ ___ ___
   3 27 - 27 3 1 18 3 18

# APPENDIĊI 2

## KWIŻŻ - ĠUBLEW KATTOLIKU
## AGĦŻEL IT-TAJBA

1. X'inhu l-Ġublew Kattoliku?

a) Festa ta' għeluq snin il-Knisja.
b) Sena speċjali ta' maħfra mid-dnubiet, rikonċiljazzjoni u tiġdid.
ċ) Sena ta' pellegrinaġġi f'Ruma.

**Tweġiba:** b) Sena speċjali ta' maħfra mid-dnubiet, rikonċiljazzjoni u tiġdid.

2. Min iħabbar is-sena tal-Ġublew fil-Knisja Kattolika?

a) Il-Kardinali.
b) Il-Papa.
ċ) L-Arċisqof.

**Tweġiba:** b) Il-Papa.

3. F'liema sena ġie ċċelebrat l-ewwel Ġublew Kattoliku?

a) Fl-1300.
b) Fl-1500.
ċ) Fl-1700.

**Tweġiba:** a) Fl-1300.

4. X'inhi "Sena tal-Ġublew Straordinarju"?

a) Sena ta' tifkira ta' qaddisin ġodda.
b) Sena ddikjarata minn Papa f'kull ħin u mhux skedata b'mod regolari.
ċ) Sena ta' vjaġġ lejn il-Qdusija.

**Tweġiba:** b) Sena ddikjarata minn Papa f'kull ħin u mhux skedata b'mod regolari.

5. X'kienet it-tema ewlenija tal-aħħar Ġublew tal-2015?

a) It-tama.
b) Il-ħniena, il-kompassjoni u l-maħfra.
ċ) Il-fidi.

**Tweġiba:** b) Il-ħniena, il-kompassjoni u l-maħfra.

6. X'inhi t-tema ċentrali tal-Ġublew tal-2025?

a) "Fidi u Ħniena."
b) "Pellegrini tal-Fidi."
ċ) "Pellegrini tat-Tama."

**Tweġiba:** ċ) "Pellegrini tat-Tama."

7. Fil-kuntest tal-Ġublew tal-2025, il-Papa Franġisku liema kwalitajiet qal li għandna nħaddnu meta nħarsu lejn il-futur?

a) Viżjoni ċara u qalb ċkejkna.
b) Qalb fiduċjuża, spirtu miftuħ, u viżjoni 'l bogħod.
ċ) Fiduċja u rażan.

**Tweġiba:** b) Qalb fiduċjuża, spirtu miftuħ, u viżjoni 'l bogħod.

8. Liema bieb famuż jinfetaħ biss matul is-sena tal-Ġublew fil-bażiliki ewlenin ta' Ruma?

a) Il-Bieb Imqaddes.
b) Il-Bieb tal-Karità.
ċ) Il-Bieb tat-Tama.

**Tweġiba:** a) Il-Bieb Imqaddes.

9. X'inhu s-sinifikat li tgħaddi mill-Bieb Imqaddes matul il-Ġublew?

a) Tgħaddi għal esperjenza ġdida.
b) Jissimbolizza l-vjaġġ ta' fidi u penitenza.
ċ) Huwa sinjal ta' tifkira.

**Tweġiba:** b) Jissimbolizza l-vjaġġ ta' fidi u penitenza.

10. Matul is-Sena tal-Ġublew, il-Kattoliċi huma mħeġġa jipprattikaw tliet atti. X'inhuma?

a) Pellegrinaġġ, qrar u ikel.
b) Talb, pellegrinaġġ u atti ta' ħniena.
ċ) Fidi, tama u karità.

**Tweġiba:** b) Talb, pellegrinaġġ u atti ta' ħniena.

11. X'inhu pellegrinaġġ, u għaliex huwa mħeġġeġ matul il-Ġublew?

a) Vjaġġ lejn post sagru għal tiġdid spiritwali.
b) Vjaġġ għal vaganza.
ċ) Vjaġġ biex issir aktar għani.

**Tweġiba:** a) Vjaġġ lejn post sagru għal tiġdid spiritwali.

12. Liema Papa ddikjara l-ewwel Ġublew fl-1300?

a) Papa Ġwanni Pawlu II.
b) Papa Bonifiċju VIII.
ċ) Papa Franġisku.

**Tweġiba:** b) Papa Bonifiċju VIII.

13. X'inhu l-għan ewlieni tas-Sena tal-Ġublew għall-Kattoliċi?

a) Ċelebrazzjoni ta' tifkiriet storiċi.
b) Tiġdid spiritwali, maħfra u relazzjoni ma' Alla.
ċ) Divertiment u gost.

**Tweġiba:** b) Tiġdid spiritwali, maħfra u relazzjoni ma' Alla.

14. Il-Knisja Kattolika kull meta tiċċelebra Ġublew regolari?

a) Kull 10 snin.
b) Kull 25 sena.
ċ) Kull 50 sena.

**Tweġiba:** b) Kull 25 sena.

15. Il-Ġublew Kattoliku kif inhu maħsub li jinfluwenza l-ħajja tal-Kattoliċi madwar id-dinja?

a) Iħeġġeġ il-konverżjoni personali, it-tiġdid u l-impenn għall-fidi.
b) Jiċċelebra l-ġid materjali.
ċ) Jippromwovi l-festi Kattoliċi.

**Tweġiba:** a) Iħeġġeġ il-konverżjoni personali, it-tiġdid u l-impenn għall-fidi.

# APPENDIĊI 3

## KWIŻŻ - ĠUBLEW KATTOLIKU
## MISTOQSIJA U TWEĠIBA

**1. X'inhu l-Ġublew Kattoliku?**

**Tweġiba:** Huwa sena speċjali ta' maħfra mid-dnubiet, rikonċiljazzjoni u tiġdid, iċċelebrata kull 25 jew 50 sena fil-Knisja Kattolika.

**2. Min iħabbar is-sena tal-Ġublew fil-Knisja Kattolika?**

**Tweġiba:** Il-Papa jħabbar is-sena tal-Ġublew.

**3. F'liema sena ġie ċċelebrat l-ewwel Ġublew Kattoliku?**

**Tweġiba**: L-ewwel Ġublew Kattoliku ġie ċċelebrat fl-1300.

**4. X'inhi "Sena tal-Ġublew Straordinarju," u kif tvarja minn Ġublew regolari?**

**Tweġiba:** Sena tal-Ġublew Straordinarju tista' tiġi ddikjarata mill-Papa f'kull ħin, għall-kuntrarju tal-Ġublew regolari li normalment isir kull 25 jew 50 sena.

**5. X'kienet it-tema ewlenija tal-Ġublew li għadda ddikjarat mill-Papa Franġisku fl-2015?**

**Tweġiba:** It-tema kienet il-ħniena, biex il-Kattoliċi juru kompassjoni u maħfra.

**6. X'inhi t-tema ċentrali tal-Ġublew Kattoliku tal-2025?**

**Tweġiba:** "Pellegrini tat-Tama."

**7. Fil-kuntest tal-Ġublew tal-2025, il-Papa Franġisku liema kwalitajiet qal li għandna nħaddnu meta nħarsu lejn il-futur?**

**Tweġiba:** Spirtu miftuħ, qalb fiduċjuża, u viżjoni 'l bogħod.

**8. Liema bieb famuż jinfetaħ biss matul is-sena tal-Ġublew fil-bażiliki ewlenin ta' Ruma?**

**Tweġiba:** Il-Bieb Imqaddes.

**9. X'inhu s-sinifikat li tgħaddi mill-Bieb Imqaddes matul il-Ġublew?**

**Tweġiba:** Din l-azzjoni tissimbolizza l-vjaġġ ta' fidi u penitenza, li jwassal għal rikonċiljazzjoni ma' Alla.

**10. Matul is-sena tal-Ġublew, il-Kattoliċi huma mħeġġa jipprattikaw tliet atti. X'inhuma?**

**Tweġiba:** Talb, pellegrinaġġ, u atti ta' ħniena.

**11. Fuq liema kunċett Bibliku huwa bbażat il-Ġublew Kattoliku?**

**Tweġiba:** Huwa bbażat fuq it-Testment il-Qadim, fejn kull 50 sena kienet sena ta' maħfra u libertà għall-poplu ta' Iżrael (Lev 25).

**12. Veru jew Falz: In-nies li jgħixu Ruma biss jistgħu jiċċelebraw is-Sena tal-Ġublew.**

**Tweġiba:** Falz. Il-Ġublew jista' jiġi ċċelebrat minn Kattoliċi madwar id-dinja.

**13. X'inhu pellegrinaġġ, u għaliex huwa mħeġġeġ matul il-Ġublew?**

**Tweġiba:** Pellegrinaġġ huwa vjaġġ lejn post sagru. Matul il-Ġublew, huwa mħeġġeġ bħala mezz biex jinkiseb tiġdid spiritwali.

**14. Liema Papa ddikjara l-ewwel Ġublew fl-1300?**

**Tweġiba:** Papa Bonifiċju VIII.

**15. X'inhu l-għan ewlieni tas-Sena tal-Ġublew għall-Kattoliċi?**

**Tweġiba:** L-għan ewlieni huwa tiġdid spiritwali, maħfra, u t-tisħiħ tar-relazzjoni tagħhom ma' Alla.

**16. Il-Knisja Kattolika kull meta tiċċelebra Ġublew regolari?**

**Tweġiba:** Kull 25 sena.

**17. Veru jew Falz: Il-parteċipazzjoni fis-sagramenti hija parti importanti miċ-ċelebrazzjoni tas-Sena tal-Ġublew.**

**Tweġiba:** Veru. Is-sagramenti, speċjalment il-Qrar u l-Ewkaristija, huma enfasizzati matul il-Ġublew.

# APPENDIĊI 4

## IT-TALBA MILL-PAPA FRANĠISKU GĦALL-ĠUBLEW 2025 - PELLEGRINI TAT-TAMA

Missierna li inti fis-Smewwiet,
agħmel li l-fidi li tajtna b'don f'Ġesù Kristu, Ibnek u ħuna,
u l-fjamma tal-imħabba msawba fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu,
iqanqlu fina t-tama hienja fil-miġja ta' Saltnatek.

Ħalli l-grazzja tiegħek tibdilna
fi bdiewa ħawtiela taż-żerriegħa tal-Vanġelu
li ttella' l-għaġna tal-umanità u tal-ħolqien kollu,
fl-istennija fiduċjuża tas-smewwiet ġodda u art ġdida,
meta, megħluba s-setgħat tal-Ħażen,
tfeġġ għal dejjem il-glorja tiegħek.

Ħa tħeġġeġ il-grazzja tal-Ġublew mill-ġdid fina,
Pellegrini tat-Tama,
ix-xenqa għall-ġid tas-Sema
u xxerred fuq id-dinja kollha l-ferħ u l-paċi tal-Feddej tagħna.

Lilek, Alla mbierek għal dejjem,
kull ġieħ u glorja f'kull żmien.

Ammen.

*miġjuba għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

# APPENDIĊI 5

## SALM 25

Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej, Alla tiegħi.

Fik jien nittama, ma jkollix għax nitħawwad;

ma jifirħux l-għedewwa tiegħi minħabba fija.

Kull min jittama fik ma jkollux għax jitħawwad;

jitħawwad min malajr jonqsok mill-kelma.

Triqatek, Mulej, għarrafni,

il-mogħdijiet tiegħek għallimni.

Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,

għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

Għalik nixxennaq il-jum kollu.

Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek,

għax huma minn dejjem, Mulej.

Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti:

inti tajjeb, Mulej; ftakar fija skont it-tjieba tiegħek.

Tajjeb u sewwa l-Mulej;

għalhekk juri triqtu lill-ħatja.

Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,

jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu.

Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà

għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.

Minħabba l-isem tiegħek, Mulej,
aħfirli ħżuniti, kbira kemm hi kbira.
Min hu dak li għandu l-biża' tal-Mulej?
Lilu hu juri t-triq li għandu jagħżel.
Fil-ġid hu jgħammar,
uliedu jiksbu l-art.
Midħla l-Mulej ta' dawk li jibżgħu minnu,
lilhom jgħarraf il-patt tiegħu.
Għajnejja dejjem fil-Mulej,
għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja.
Dur lejja u kun twajjeb miegħi,
għax jiena fqajjar u waħdi.
Serraħli qalbi mid-dwejjaq,
min-niket tiegħi eħlisni.
Ara n-niket u d-diqa tiegħi,
u aħfirli ħtijieti kollha.
Ara kemm kotru l-għedewwa tiegħi,
x'mibegħda qawwija għandhom għalija.
Ħarisli ħajti u eħlisni;
la nistkenn fik, m'għandix għax ninfixel.
Is-sewwa u d-dritt iħarsuni,
għax jien fik ittamajt.
Eħles, o Alla, lil Iżrael,
mid-dwejjaq tiegħu kollha!

# APPENDIĊI 6

## HOPE –
## NICK & BECKY DRAKE & WORSHIP FOR EVERYONE

I've got hope
In my heart
Even when the world is spinning round
You put hope
In my heart
Hope that's never ever let me down

I'm living in hope
I'm moving in hope
What a song to sing
The future's held by Him
I'm living in hope

We've got hope
In our hearts
Even when the world is spinning round
You put hope
In our hearts
Hope that's never ever let us down

We're living in hope
We're moving in hope
What a song to sing
The future's held by Him
We're living in hope

Love will see me through
In every season
I'll trust in you
Your light will be my guide
Upon Jesus
I'll fix my eyes

We're living in hope (we're living in hope)
We're moving in hope (we're moving in hope)
We're living in hope (we're living in hope)
We're moving in hope (we're moving in hope)
We're living in hope (we're living in hope)
We're moving in hope (we're moving in hope)
What a song to sing
The future's held by Him
We're living in hope

# APPENDIĊI 7

## CHRIST IS MY HOPE - MARCO FRISINA

**Christ is my hope, Christ is my joy**
**Christ is alive, new light for the world**
**We'll bring his joy, we'll bring his peace**
**Alleluia, alleluia**

La tua luce ci guiderà, tu rischiari la strada per noi
e saremo in tutto il mondo pellegrini di Speranza

**Christ is my hope, Christ is my joy**
**Christ is alive, new light for the world**
**We'll bring his joy, we'll bring his peace**
**Alleluia, alleluia**

Doneremo la tua bontà, la tua pace consolerà,
e saremo in tutto il mondo testimoni del tuo amore

**Christ is my hope, Christ is my joy**
**Christ is alive, new light for the world**
**We'll bring his joy, we'll bring his peace**
**Alleluia, alleluia**

Noi vivremo la fede in te, la speranza, la carità,
e saremo in tutto il mondo lo splendore del tuo volto.

**Christ is my hope, Christ is my joy**
**Christ is alive, new light for the world**
**We'll bring his joy, we'll bring his peace**
**Alleluia, alleluia.**

**x2**

# APPENDIĊI 8

## ROTTA 1




## ROTTA 2

## DIN IR-ROTTA HIJA AKTAR AVVENTURUŻA, GĦALHEKK ARAW LI Ż-ŻGĦAŻAGĦ IKUNU LEBSIN ŻARBUN TAJJEB U ARMATI BIT-TORĊIS JEKK ISSIR FILGĦAXIJA.



KPAŻ
MOSTA